# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 11**

**Rikors numru 12/2015/3 JVC**

**Jesman u Rose konjuġi Tonna**

**v.**

**Mario Parnis**

1. Il-konvenut appella minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fit-12 ta' Ġunju 2018 ["sentenza appellata"] li ordnaltu jirrifondi lill-atturi s-somma ta' €3,050, depożitu fuq xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u jħallashom €1,050 bħala danni. L-atturi ressqu appell inċidentali minħabba li l-Ewwel Qorti ordnat li jħallsu l-ispejjeż tad-digriet mogħti fit-

3 ta' Mejju 2016 li bih l-atti ġew trasferiti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Inferjuri lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali.

**<u>Preliminari</u>**

2. Il-fatti li wasslu għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

2.1. Permezz ta' ftehim datat 7 ta' Diċembru, 2012[1] il-partijiet ftehmu li l-konvenut kellu jagħmel xogħol tal-injam fil-proprjetà tal-atturi li kien jikkonsisti f'seba' bibien, arkata u *frame* bi xkaffa fuqu magħmula mill-ġewż afrikan għall-prezz ta' €5,700 liema xogħol kellu jingħata fl-10 ta' Marzu 2013;

2.2. Skont verbal fl-atti tal-kawża[2], il-prezz kien jikkonsisti f'€500 għal kull bieb, €150 għall-*frame* u l-kumplament għall-arkata;

2.3. Il-konsenja tal-bibien saret f'Awwissu 2013 filwaqt illi l-kumplament tax-xogħol, ħlief il-lista tax-xambrella tal-

[1] Fol. 3
[2] Fol. 161

arkata tan-naħa ta' ġewwa, kien konsenjat fis-16 ta' Diċembru 2013[3];

2.4. B'kollox l-atturi ħallsu s-somma ta' €3,200[4]. L-attur jgħid li ma ħallasx is-somma sħiħa għaliex ix-xogħol ma kienx għadu lest u skontu kien fih ħafna difetti li l-konvenut kien obbliga ruħu li jsewwi[5];

2.5. Fis-16 ta' Ġunju 2014 il-konvenut fetaħ kawża kontra l-attur (Rik. Nru. 399/2014 AM3) għall-ħlas tal-bilanċ, li eventwalment ġiet differita *sine die*;

2.6. L-atturi nfurmaw lill-konvenut li, apparti difetti fl-arkata u difetti fiċ-ċappetti, kienu ħarġu difetti fil-bibien[6] u ma riedu xejn mix-xogħol li kien għamlilhom.

3. Fl-24 ta' Diċembru 2015 l-atturi ppreżentaw din il-kawża permezz ta' avviż fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri u talbu:

(i) li l-konvenut jiġi kkundannat jirrifondihom l-ħlas ta' tlett elef u mitejn ewro (€3,200), bl-imgħaxijiet legali, li kienu

[3] Fol. 43
[4] Fol. 159 u 160
[5] Fol. 43
[6] Fol. 104

ħallsuh akkont tal-prezz tal-appalt li l-konvenut kellu jesegwixxi fuq inkarigu tagħhom konsistenti f'xoghol ta' injam għad-dar tagħhom f'Ħad Dingli, Malta, kif jinsab dettaljat fil-ftehim li kien sar bejniethom anness u mmarkat 'A', liema appalt baqa' ma ġiex esegwit mill-konvenut b'mod sħiħ, u x-xogħol li laħaq ikkonsenjalhom sar ħażin, ma sarx skont il-ftehim ta' bejniethom, u ma sarx skont kif titlob l-arti u s-sengħa;

(ii) li huma jiġu awtorizzati jesegwixxu l-istess xogħol għand terzi bi spejjez għall-konvenut, alternattivament;

(iii) li l-konvenut iħallashom dawk id-danni li jiġu likwidati mill-Qorti li huma sofrew minħabba li x-xogħol minnu sar ħażin, ma sarx skont il-ftehim li kellu magħhom u ma sarx skont kif titlob l-arti u s-sengħa, u minħabba d-dewmien li damu jistennew biex jirċievu x-xogħol kif huma kienu ordnawh lilu, u li konsegwenza ta' dan l-atturi issa ser ikollhom jidħlu fi spejjeż żejda biex jagħmlu dan ix-xogħol b'ħaddiehor.

Bl-ispejjez u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

4. Il-konvenut ikkontesta t-talbiet attriċi u *inter alia* ta l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)[7].

5. Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Mejju 2016[8] il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Inferjuri qieset bħala ġustifikata t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut dwar in-nuqqas ta' kompetenza tagħha u għalhekk ordnat illi l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża skont il-liġi.

6. B'sentenza mogħtija fit-12 ta' Ġunju 2018, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi:

> *"1. Tiddikjara l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut bhala sorvolati;*
>
> *2. Tichad is-seba' eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut kemm ghaliex naqas milli jaghti l-artikolu li fuqu qed isejjes tali eccezzjoni kif ukoll stante li hija nkompatibbli mal-bqija tal-eccezzjonijiet tieghu;*
>
> *3. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenut sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;*
>
> *4. Tilqa' limitatament l-ewwel talba attrici u tordna lill-konvenut jirrifondi lill-atturi s-somma ta' tlett elef u hamsin Euro (€3,050) flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tal-intavolar tal-kawza odjerna sad-data tal-pagamenti effettiv b'dana li l-konvenut ghandu jithalla jiehu lura l-bibien u l-arkata minghajr ma jaghmel hsara fir-residenza tal-atturi;*
>
> *5. Tichad it-tieni talba attrici izda stante li t-tielet talba hija alternattiva ghat-tieni talba, tilqa' t-tielet talba tal-atturi u tordna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf u hamsin Euro (€1050) rapprezentanti*

[7] Fol. 9
[8] Fol. 29

*danni sofferti mill-atturi u hekk likwidati minn din il-Qorti konsegwenza tax-xoghol mhux skont is-sengha u l-arti li sar millkonvenut;*

*Bl-ispejjez kollha tal-kawza (b'eccezzjoni tad-digriet preliminari li ghandhom jigu sofferti mill-atturi) kontra l-konvenut."*

7. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu prinċipalment is-segwenti:

***"Preskrizzjoni***

*Illi ghalkemm il-konvenut iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni huwa naqas milli jindika l-artikolu li fuqu qed isejjes tali eccezzjoni fir-risposta tieghu. In oltre fin-nota ta' sottomissjonijiet jikkwota l-artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta bhala bazi ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni liema artikolu huwa dwar 'Hwejjeg mhux skont il-kwalita' miftehma jew bhall-kampjuni" u minnfu nnifsu ma jaghti l-ebda perjodu ta' preskrizzjoni. Nonostante dan izda l-Qorti tirrileva li l-bqija tal-eccezzjonijiet mqajjma mill-konvenut jikkontradixxu bi shih l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u huma nkompatibbli mal-istess ghaldaqstant anki li kieku l-artikolu gie kwotat sew din il-Qorti ma tqisx li din l-eccezzjoni f'dawn ic-cirkustanzi tista' tregi.*

*Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut.*

***Mertu***

*...*

*Illi minn dak kollu li din il-Qorti analizzat mill-atti, wara li wkoll rat il-konkluzjonijiet tal-Perit tekniku u minn dak li vverifikat hi stess fir-residenza tal-attur, din il-Qorti tqis li gie sufficjentement pruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi li x-xoghol fuq il-bibien u l-arkata ordnati mill-atturi u li sar mill-konvenut ma sarx skont is-sengha u l-arti tant li d-difetti huma ovvji u jidhru koroh u evidenti anki f'ghajn persuni mhux tassengha fosthom l-istess Qorti.*

*Din il-Qorti minn dak li rrelata l-espert tekniku, minn kliemu waqt il-kontro-ezami u minn dak li kkonstatat waqt l-access tqis li apparti li l-arkata evidentement mihijiex accettabbli u li m'hemmx lok kif din titranga, l-istess ghandu jinghad dwar il-bibien li mill-anqas sabiex il-panewiet jigu jaqblu dawn iridu jinqalghu u jizzarmaw f'diversi bicciet tant li jkun ahjar li jsiru mill-gdid. Dan apparti d-diversi difetti ohra kif hawn fuq elenkati. Din il-Qorti ghalhekk tqis li t-talba attrici sabiex jithallas lura d-depozitu mhallas lill-konvenut ta' tlett elef u mitejn Euro (€3200) (mil-liema somma izda jrid jitnaqqas il-prezz tal-ixkaffa li ser tinzamm fl-ammont ta' mija u hamsin Euro (€150) hija gjustifikata*

*b'dana li l-konvenut ghandu jiehu lura x-xoghol ta' njam kollu bl-eccezzjoni tal-ixkaffa li rrizulta li m'ghandhiex difetti.*

*Fir-rigward tat-tieni u t-tielet talba tqis li ma jkunx idoneu li tilqa' t-tieni talba fl-ghama tal-konvenut dwar kemm ser jigu jiswew ix-xoghlijiet li jsiru minn terzi izda tqis li t-tielet talba ghandha tintlaqa' fis-sens li l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-differenza fil-prezz la darba l-atturi ser isibu ruhhom f'sitwazzjoni li ser ikollhom jergghu jordnaw ix-xoghol kollu mill-gdid minghand persuna/i ohra bil-prezzijiet tal-lum u mhux ta' hames (5) snin ilu. L-espert tekniku a fol. 115 tal-process ikkonferma li sabiex jergghu jigu ordnati l-bibien illum dawn jigu jiswew mill-anqas sitt mija u hamsin Euro (€650) cioe' differenza ta' mija u hamsin Euro (€150) kull bieb filwaqt li sabiex issir l-arkata trid mill-anqas elfejn Euro (€2000). Skont il-verbal tat-28 ta' Novembru, 2017 l-arkata kellha ssir ghall-ammont ta' elfejn u tmenin Euro (€2080) ghalhekk hemm differenza ta' tmenin Euro (€80) aktar kwotat mill-konvenut minn dak kwotat mil-espert li kieku ssir issa ghalhekk m'hemm l-ebda danni x'jigu likwidati dwar l-arkata f'dan is-sens. Jirrizulta li anki fil-kwotazzjonijiet ex-parte l-arkata giet ikkwotata anqas mill-prezz li fil-fatt kien gie miftiehem bejn il-partijiet odjerni (ara fol. 48 u 51). Ghalhekk filwaqt li jirrizulta li hemm danni x'jigu likwidati ghal dak li hija differenza filprezz tal-bibien li jridu jergghu jsiru, ghal dik li hija l-arkata ma hemm lebda danni x'jigu likwidati. Tirrizulta ghalhekk is-somma ta' mija u hamsin Euro (€150) fuq kull bieb f'danni ammontanti b'kollox ghas-somma ta' elf u hamsin Euro (€1,050).*

*In vista ta'dak kollu suespost, il-konvenut ser jigi kkundannat ihallas lill-atturi l-ammont globali ta' erbat elef u mitt Euro (€4,100) li jinkludi d-depozitu li jrid jigi ritornat u d-danni likwidati b'dana li l-Qorti taghmilha cara li l-konvenut ikollu d-dritt li jiehu lura x-xoghol kollu ghajr l-ixkaffa wara li jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex ma ssirx hsara fir-residenza talatturi sabiex dan isir."*

## **L-Appell**

8. Il-konvenut appella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u permezz ta' rikors ippreżentat fil-25 ta' Ġunju 2018 ilmenta illi:

i. il-proċedura adottata timporta n-nullità għaliex meta l-proċeduri ġew trasferiti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri għal dik Superjuri, l-att promutur baqa' l-istess u

ma ġie qatt ikkonfermat bil-ġurament fit-termini tal-artikolu 161 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. l-ewwel Qorti nterpretat is-seba' eċċezzjoni tiegħu, li t-talba attriċi hija perenta fit-termini tal-liġi, b'mod ħażin;

iii. ġiet kompletament injorata il-ħames eċċezzjoni tiegħu, fis-sens illi l-atturi ma jistgħux jitolbu rexxissjoni tal-kuntratt ladarba żammew ix-xogħol u użawh;

iv. ma jaqbilx mad-deċiżjoni fil-meritu;

v. ma jaqbilx li huma dovuti danni u lanqas mal-likwidazzjoni tal-istess li għamlet l-ewwel Qorti; u

vi. li f'kull każ it-talba għad-danni hi preskritta skont l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

9. Talab għalhekk lil din il-Qorti:

> *"takkolji l-aggravji u l-eċċezzjonijiet tiegħu u għalhekk tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi."*

10. L-atturi wieġbu illi l-appell tal-konvenut huwa frivolu u vessatorju għalhekk għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż doppji kontrieh. Fl-istess waqt, inqdew bl-appell prinċipali sabiex a tenur tal-artikolu 240 tal-Kap. 12

jipproponu appell inċidentali in kwantu aggravati illi ġew assoġġettati jħallsu l-ispejjeż relattivi għad-digriet tat-3 ta' Mejju 2016.

**Konsiderazzjonijiet**

*L-Appell Prinċipali*

11. Permezz tal-ewwel aggravju l-konvenut jilmenta illi l-proċedura kollha quddiem l-Ewwel Qorti hi nulla għaliex meta kawża ġiet trasferita mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri għal dik Superjuri, l-att promutur baqa' l-istess u ma ġie qatt ikkonfermat bil-ġurament u kkoreġut fit-termini tal-Artikoli 156 u 161 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

12. L-atturi wieġbu illi l-kawża nfetħet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u għalhekk ma kienx meħtieġ illi r-rikors jiġi kkonfermat bil-ġurament. Jgħidu li kien il-konvenut li ta l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza u dik il-qorti b'mod żbaljat, laqgħet l-eċċezzjoni. Jisħqu li meta l-atti jiġu trasferiti quddiem qorti oħra, m'hemmx ħtieġa li r-rikors jiġi konfermat bil-ġurament.

13. Il-kawża nfetħet permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri in ottemporanza mar-regoli proċedurali relattivi għal dik il-ġurisdizzjoni. Dik il-Qorti mbagħad laqgħet it-tieni u t-tielet

eċċezzjoni tal-konvenut dwar in-nuqqas ta' kompetenza tagħha u bis-saħħa tal-Artikolu 741 tal-Kap. 12 ordnat li l-atti għandhom jiġu trasferiti lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża skont il-liġi.

14. L-Artikolu 741 tal-Kap. 12 *inter alia* jipprovdi illi:

> *"741.L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata –*
>
> *..........*
>
> *(d) ... Meta kawża tiġi trasferita skont il-paragrafu (b) il-Qorti, Bord jew Tribunal li quddiemhom tinstema' l-kawża jkunu jistgħu jagħtu dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha meħtieġa, soġġetti għal dawk it-termini u kondizzjonijiet kif jidhrilhom xieraq, sabiex is-smigħ tal-kawża jkompli skont il-ħtiġijiet formali u proċesswali, inkluż dwar ħlas ta' spejjeż, li jkunu japplikaw quddiem dik il-Qorti, Bord jew Tribunal."*

15. Għalhekk hi l-qorti li quddiemha tinstema' l-kawża li għandha tagħti l-ordnijiet li hemm bżonn sabiex is-smigħ tal-kawża jkompli *"skont il-ħtiġijiet formali u proċesswali"*, inkluż dwar ħlas ta' spejjeż, li jkunu japplikaw quddiemha.

16. F'dan il-każ, l-Ewwel Qorti ma tatx ordnijiet. Għalhekk ma kienx hemm nuqqasijiet min-naħa tal-atturi.

17. F'kull każ u bla ħsara għas-suespost, l-Artikolu 789(2) tal-Kap. 12 li jipprovdi illi:

> *"l-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ)[9], ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità."*

18. Qiegħda issir referenza għal dan l-artikolu tal-liġi għaliex kien biss fir-rikors tal-appell li l-konvenut qajjem għall-ewwel darba dan l-ilment.

19. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

20. Permezz tat-tieni aggravju l-konvenut jilmenta illi l-Ewwel Qorti nterpretat b'mod ħażin is-seba' eċċezzjoni tiegħu, u ċjoè li t-talba attriċi hija perenta. Jgħid li l-Ewwel Qorti interpretat din l-eċċezzjoni bħala waħda tal-preskrizzjoni u applikat għaliha r-regoli tal-preskrizzjoni, inkluż li ried jiġi ndikat l-artikolu fl-eċċezzjoni nnifisha. Il-konvenut jikkontendi iżda li l-eċċezzjoni tiegħu ma kinitx li l-azzjoni tal-atturi kienet preskritta. Jgħid li għall-kuntrarju huwa eċepixxa illi l-azzjoni attriċi hija perenta bit-terminu ta' dekadenza stabbilit mil-liġi. Għalkemm jikkonċedi li fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu rrefera għall-artikolu tal-liġi ħażin, jippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu *a tenur* tal-artikolu 1407 tal-Kap. 16 li jistabbilixxi li, taħt titolu ta' bejgħ, azzjoni tintilef bid-dekadenza ta' sentejn. F'dan ir-rigward iżid jgħid illi hemm ġurisprudenza affermata fis-sens illi meta appaltatur jintraprendi opera li fiha jagħti mhux biss x-

---

[9] *"Jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat"*

xogħol jew is-sengħa tiegħu imma jfornixxi ukoll il-materjal, dak l-appalt huwa affini mal-bejgħ. Jikkontendi illi f'dan il-każ il-bibien kienu konsenjati fl-10 ta' Marzu 2013 filwaqt li l-arkata fis-16 ta' Diċembru 2013, u l-kawża nfetħet fl-24 ta' Diċembru 2015.

21. Kull ma tgħid is-seba' eċċezzjoni tal-konvenut hu *'it-talba attriċi hija perenta fit-termini tal-liġi'.* Fin-nota ta' sottomissjonijiet qal imbagħad illi l-azzjoni hija perenta bit-terminu ta' sentejn skont l-Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili. Disposizzjoni li hu stess qal li ma tapplikax għall-każ in eżami.

22. F'kull każ, l-ilment tal-atturi huwa dwar xogħol b'appalt li l-konvenut wettaq ħażin. Kuntest allura li m'għandu x'jaqsam xejn mat-tip ta' azzjoni li għaliha hemm referenza fl-Artikolu 1407[10] tal-Kodiċi Ċivili. Disposizzjoni li għandha x'taqsam ma' bejgħ ta' immobbli *ad mensuram* jew mhux *ad mensuram*.

23. Għaldaqstant, tiċħad it-tieni aggravju.

---

[10] *"1407. (1) L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegħ għaż-żjieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej għat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerġa' lura mill-kuntratt, tintilef egħluq sentejn minn dak in-nhar tal-kuntratt.*
*(2) Dan iż-żmien tal-preskrizzjoni jimxi kontra l-assenti, l-interdetti, in-nisa miżżewġa u l-minuri, kemm-il darba l-jedd ta'dawn il-persuni jkun ġej minn bejjiegħ jew xerrej li kontra tiegħu l-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni ma jiġix sospiż."*

24. Permezz tat-tielet aggravju l-konvenut jilmenta illi ġiet kompletament injorata l-ħames eċċezzjoni li l-atturi ma jistgħux jitolbu rexxissjoni tal-kuntratt ladarba żammew ix-xogħol u wżawh minflok ma ddepożitawh taħt l-awtorità tal-Qorti.

25. Dan il-każ m'għandux x'jaqsam mal-każ ta' Micallef vs Sullivan[11] li rrefera għalih il-konvenut. Kif tajjeb wieġbu l-atturi, ix-xogħol ordnat minnhom kien jikkonsisti f'seba' bibien kompluti bix-xambrelli u kisi ta' arkata bl-injam kompluta bil-bibien tal-ħġieġ, u li allura min-natura tagħhom huma fissi mal-ħitan ta' darhom. Kien il-konvenut li naqas li jirrimedja għad-difetti minkejja li kien qal li ser jirranġahom u baqa' m'għamel xejn, u imbagħad irrifjuta li jieħu x-xogħol lura u l-atturi ħallew il-bibien u l-arkata bil-bieb tal-ħġieġ fejn waħħalhom il-konvenut.

26. Inoltre, parti mid-difetti ravviżati mill-Ewwel Qorti stess kienu appuntu jirreferu għall-fatt li dawn il-bibien ma kinux imfassla sew għall-apertura li għaliha kienu ntiżi. Fatt li seta' jiġi ppruvat biss billi l-bibien jibqgħu f'posthom.

27. Tiċħad ukoll dan l-aggravju.

[11] Qorti tal-Appell Inferjuri, deċiż fit-22 ta' Novembru 2022

28. Ir-raba' aggravju tal-konvenut huwa illi ma jaqbilx mad-deċiżjoni fil-meritu. Jikkontendi li għalkemm l-espert tekniku kien tal-fehma li l-ħnejja kellha tinqala' minn postha u tinbidel, id-difetti fil-bibien ma kinux ta' entità tali illi ma setgħux jiġu rranġati. Jgħid li madanakollu, mingħajr raġunijiet ta' xejn, l-Ewwel Qorti ordnat li l-ftehim dwar il-bibien kellu jinħall. Skontu għalhekk, fir-rigward tal-bibien il-Qorti kellha biss tikkonferma l-prezz miftiehem u minnu tnaqqas l-ammont neċessarju sabiex jitranġaw '*u fl-eventwalità li ma kelliex tali informazzjoni fil-proċess setgħat faċilment reġgħet innominat lill-istess espert fis-sentenza tagħha għal dan il-fini.'*

29. Huwa minnu li l-espert tekniku kien tal-fehma illi:

> *"l-bibien jistgħu jiġu aċċettati wara li jsir xi tibdil fihom"*[12]

30. Qal madanakollu li bieb minnhom kellu imperfezzjoni fid-disinn tal-panew li ma kienx possibbli li tiġi rettifikata[13] u fejn hemm it-tixlif '*idealment trid issir biċċa njama oħra u għal bżonn terġa' tillostrah."*[14]

31. Dwar l-ispiża neċessarja għal hekk, in eskussjoni l-perit tekniku wieġeb illi:

> *"Ma tantx tista' tgħid għax skont kif se jaħdem hu u l-ħinijiet li ħa jieħu. Hemm ix-xogħol hu biex isiru r-ratifikazzjonijiet.*
>
> *...*

---

[12] Fol. 67. Ara ukoll fol. 112 te seq.
[13] Fol. 65, 81 u 116
[14] Fol. 116

> *Jien nista' nagħti prezz biex, l-ewwel nett kollha jridu jinqalgħu minn posthom biex jiġu ngassati ċ-ċappetti skont jiena. Irid jiġi ukoll ingassat l-istriker u jsir repeair ta' dan it-tixlif. Kif tista' tikkalkula eżatt kemm se tiegħu żmien u ħin? Ma tistax tikkalkula imma huwa ammont konsiderevoli hu jġifieri, mhux ftit. Mhux qed ngħidu trid mitt euro (€100) fuq kull bieb. Trid mitejn euro, mitejn u ħamsin (€250) fuq kull bieb hux biex tirratifika naħseb jien. U skont, ma naħsibx li tista' tagħmlu on site iġifieri trid tieħu l-bibien lura u terġa ġġibhom hux."*[15]

32. Konsegwentement, fit-18 ta' Settembru 2017[16] l-atturi ppreżentaw rikors fejn talbu lill-Qorti:

> *"testendi l-inkarigu tal-perit tekniku Joseph Borg sabiex jagħmel stima dettaljata tax-xogħol li jrid isir sabiex jiġi rranġat kull bieb biex jitneħħew id-difetti li ġew minnu riskontrati u sabiex l-arkata ssir kollha kemm hi mill-ġdid."*

33. Għal dik it-talba l-konvenut oppona fit-termini segwenti:

> *"filwaqt li jkun neċessarju illi l-espert jgħid b'kemm għandu jitnaqqas il-kont tal-konvenut f'każ li x-xogħol jirriżulta ħażin, dan ma għandu qatt jiġi mitlub illi jirrelata dwar kemm jiġi jiswa' biex ix-xogħol jissewwa jew jinbidel għax hu għal kollox irrilevanti."*

34. Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2017[17] l-avukat tal-atturi ddikjara li l-atturi m'humiex jinsistu li jkun estiż l-inkarigu li kien ingħata lill-perit tekniku.

35. B'hekk baqgħet ma saret l-ebda prova ta' kemm eżattament jiswew ix-xogħlijiet ta' tiswija tad-difetti.

---

[15] Fol. 117
[16] Fol. 121
[17] Fol. 161

36. Però x'aktarx li li l-ispiża ma kinitx ser tkun baxxa. L-Ewwel Qorti qalet hekk:

> *"Il-Qorti accediet fir-residenza tal-attur nhar id-19 ta' Frar, 2018. Daret bieb bieb is-seba' bibien, l-arkata u l-frame. Minn dak li rat fuq il-post il-Qorti setghet tara facilment bosta difetti li jinkludu:*
>
> *...*
>
> *2. Stokk fil-bibien li ma jaqbel xejn mal-kulur tal-bibien. Innutat izda li kien hemm partijiet ohra fejn intuza stokk li jaqbel. Allura din tikkontrasta ma' dak li xehed il-konvenut li kien l-attur li nsista fuq certu kulur ta' stokk;*
>
> *3. Bosta mix-xambrelli tal-bibien kellhom daqqiet u tixlif li jidhru ferm koroh fl-ghajn u jirvinaw id-disinn dritt tal-kantunieri tax-xambrelli;*
>
> *4. Evidentement il-panewi tal-bibien kollha ma kinux jaqblu wahda mal-ohra ghalkemm dawn suppost ikunu simetrikament l-istess;*
>
> *5. Ic-cappetti tal-bibien ma kinux ingastati fl-injam bir-rizultat li thalla spazju li jidher bejn ix-xambrella u l-bieb. Ma giex pruvat lil din il-Qorti li kien l-attur li riedhom hekk anzi l-attur gie rinfaccjat bis-sitwazzjoni lesta meta l-konvenut ha x-xoghol fuq il-post;*
>
> *6. Kien hemm certu xambrelli li anki d-dawl kien jidher minn bejn l-injam taghhom;*
>
> *7. Il-bieb tat-tarag in parikolari kien imwahhal mhux dritt u dan huwa verament ovvju meta mqabbel mat-targa ta' tahtu. Il-Qorti fehmet minn dak li l-partijiet qalulha fuq il-post illi li kieku tkisser ftit il-hajt jew twessghet ix-xambrella fuq naha il-bieb seta' facilment jitwahhal dritt.*
>
> *...*
>
> *Din il-Qorti minn dak li rrelata l-espert tekniku, minn kliemu waqt il-kontro-ezami u minn dak li kkonstatat waqt l-access tqis li apparti li l-arkata evidentement mihijiex accettabbli u li m'hemmx lok kif din titranga, l-istess ghandu jinghad dwar il-bibien li mill-anqas sabiex il-panewiet jigu jaqblu dawn iridu jinqalghu u jizzarmaw f'diversi bicciet tant li jkun ahjar li jsiru mill-gdid. Dan apparti d-diversi difetti ohra kif hawn fuq elenkati."*

37. Altru għalhekk milli l-Ewwel Qorti ma tatx motivazzjoni għalfejn il-ftehim għandu jinħall. Mill-kostatazzjonijiet li l-Ewwel Qorti għamlet waqt

l-aċċess hu evidenti li x-xogħol hu difettuż u minn dak li kkonstatat il-qorti waqt l-aċċess hu evidenti li d-difetti m'humiex żgħar u faċilment rimedjabbli.

38. Għalhekk tiċħad ir-raba' aggravju, li hu fieragħ meta tqis li kien il-konvenut stess li oppona li ssir prova tal-valur tat-tiswijiet li llum qiegħed jippretendi li għandha titnaqqas mill-prezz pattwit u l-atturi jżommu x-xogħol tal-injam.

39. Fil-<u>ħames aggravju</u> l-konvenut qal li la jaqbel li huma dovuti danni u lanqas ma jaqbel mal-likwidazzjoni li saret mill-Ewwel Qorti. Itenni li l-bibien m'għandhomx għalfejn jiġu mibdula u għalhekk lanqas hemm lok għad-danni sabiex jagħmlu tajjeb għaż-żieda fil-prezz sabiex dawn isiru mill-ġdid. Dan apparti, jgħid li l-istimi ta' Joseph Briffa u Stephen Axiak ġew it-tnejn fabbrikati għall-okkażjoni u li f'kull każ il-prezzijiet mhux ta' kulħadd xorta.

40. L-Ewwel Qorti qalet:

> *"t-tielet talba ghandha tintlaqa' fis-sens li l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-differenza fil-prezz la darba l-atturi ser isibu ruhhom f'sitwazzjoni li ser ikollhom jergghu jordnaw ix-xoghol kollu mill-gdid minghand persuna/i ohra bil-prezzijiet tal-lum u mhux ta' hames (5) snin ilu. L-espert tekniku a fol. 115 tal-process ikkonferma li sabiex jergghu jigu ordnati l-bibien illum dawn jigu jiswew mill-anqas sitt mija u hamsin Euro (€650) cioe' differenza ta' mija u hamsin Euro (€150) kull bieb filwaqt li sabiex issir l-arkata trid mill-anqas elfejn Euro (€2000). Skont il-verbal tat-28 ta' Novembru, 2017 l-arkata kellha ssir ghall-ammont ta' elfejn u tmenin Euro (€2080) ghalhekk hemm differenza ta' tmenin Euro (€80) aktar kwotat mill-konvenut minn dak*

*kwotat mil-espert li kieku ssir issa ghalhekk m'hemm l-ebda danni x'jigu likwidati dwar l-arkata f'dan is-sens. Jirrizulta li anki fil-kwotazzjonijiet ex-parte l-arkata giet ikkwotata anqas mill-prezz li fil-fatt kien gie miftiehem bejn il-partijiet odjerni (ara fol. 48 u 51). Ghalhekk filwaqt li jirrizulta li hemm danni x'jigu likwidati ghal dak li hija differenza fil-prezz tal-bibien li jridu jergghu jsiru, ghal dik li hija l-arkata ma hemm lebda danni x'jigu likwidati. Tirrizulta ghalhekk is-somma ta' mija u hamsin Euro (€150) fuq kull bieb f'danni ammontanti b'kollox ghas-somma ta' elf u hamsin Euro (€1,050)."*

41. L-ilment tal-attur dwar il-bdil tal-bibien u arkata diġà ġie kkunsidrat fl-aggravju ta' qabel dan, u li ġie miċħud. Dwar il-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti ma tara xejn stramb fil-fatt li, bit-trapass ta' żmien, il-prezzijiet sabiex jinħadmu l-bibien mill-ġdid għola b' €150. Dan aktar u aktar meta l-istima li għamel il-perit tekniku hija in linea maż-żewġ stejjem li ppreżentaw l-atturi[18]. Il-konvenut kellu ċ-ċans kollu jressaq prova kuntrarja jekk deherlu li dawn l-istejjem kienu eċċessivi jew '*fabbrikati'* kif minnu allegat, iżda ma ressaqx il-prova.

42. Għaldaqstant, tiċħad ukoll il-ħames aggravju.

43. Permezz tas-<u>sitt aggravju</u> l-konvenut jilmenta illi t-talba għad-danni f'kull każ tinsab preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, u ċjoè bid-dekors ta' sentejn.

44. Għal dan l-atturi wieġbu illi d-danni minħabba eżekuzzjoni ħażina t'appalt jikkostitwixxi addebitu ta' kolpa kuntrattwali, u mhux delittwali jew

[18] Fol. 48 u 51

kolpuża. Għalhekk il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' ħames snin a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16.

45. Issir hawn referenza għas-sentenza fl-ismijiet Marcus Bonello v. Belmont Company Limited (C – 8620) deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 2020. Ingħad hekk:

> *"26. Illi jmiss li l-Qorti tqis l-eċċezzjoni mressqa mill-appellant li tifforma l-bażi ta' l-ewwel aggravju. Ingħad li ż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla16. Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti li tressaq azzjoni (f'dan il-każ, l-azzjoni rikonvenzjonali ta' Belmont), u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarrka (l-appellant f'dan il-każ) kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawżali u mhux fuq x'taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera. Għalhekk, il-Qorti trid tqis jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni li jkun eċċepit ikunx jgħodd għaċ-ċirkostanzi tal-azzjoni li l-eċċezzjoni trid twaqqaf;*
>
> *27. Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk msejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (prinċipju rifless fl-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili); u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames (5) snin. Kieku l-obbligazzjoni tkun imfissra f'att pubbliku, jidher li l-preskrizzjoni tkun dik ta' tletin (30) sena, u dan għaliex iż-żmien preskrittiv dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali huwa dak relattiv għall-obbligazzjoni nnfisha;*
>
> *28. Illi l-appellant jibbaża l-ewwel eċċezzjoni tiegħu fuq l-Artikolu 2153, iżda billi r-rikonvenzjoni mressqa minn Belmont issib il-bażi tagħha fuq ir-responsabbilità li toħroġ minn kuntratt, l-ewwel Qorti kienet fis-sewwa meta qieset li l-preskrizzjoni tas-sentejn imressqa mill-appellant ma tgħoddx għall-każ tiegħu. Minkejja l-bosta argumenti u eżempji ta' sentenzi msemmija fir-rikors tal-appell tiegħu f'dan ir-rigward, l-appellant ma seħħlux iwassal lil din il-Qorti biex taqbel li d-danni reklamati minn Belmont (lil hinn minn jekk humiex tassew mistħoqqa) ma kinux marbuta mal-kuntratt ta' appalt li kienet tatu;*

> *29. Illi għalhekk, l-ewwel aggravju mhux se jintlaqa' u l-Qorti ssib li ż-żmien ta' preskrizzjoni li kien jgħodd għall-każ kien dak tal-ħames snin;"*

46. F'dan il-każ m'hemmx dubju li d-danni reklamati mill-atturi huma intrinsikament marbuta mal-appalt li l-atturi taw lill-konvenut. Għalhekk l-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili ma japplikax għall-każ in eżami.

*L-Appell Inċidentali*

47. L-atturi argumentaw li kellhom raġuni jiftħu l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Inferjuri, peress li l-valur tal-appalt u d-danni ma kinux jaqbżu l-kompetenza ta' dik il-qorti. Madanakollu jaċċettaw illi d-digriet tat-3 ta' Mejju 2016, li bih il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Inferjuri bagħtet l-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, mhuwiex appellabbli. Però lmentaw minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti kkundannathom iħallsu l-ispejjeż ta' dak id-digriet.

48. Bl-appell inċidentali l-atturi qegħdin ifettqu meta tikkunsidra x'inhuma l-ispejjeż ġudizzjarji relatati ma' digriet.

49. F'kull każ l-aggravju huwa bażat fuq l-allegazzjoni illi d-digriet tat-3 ta' Mejju 2016 kien ħażin. Materja li dwarha m'hemmx jedd ta' appell.

50. Għalhekk tiċħad l-aggravju tal-atturi.

<u>Deċiżjoni</u>.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u l-appell inċidentali u tikkonferma s-sentenza appellata.

Spejjeż tal-appell a karigu tal-konvenut filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali a karigu tal-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr